MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Numru 895/2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Joseph Compagno

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta numru ta’ identita’ 405382(M), akkuzat talli:

1. filwaqt li kien gewwa l-‘bakery’ tal-Habs nhar il-5 ta’ Settembru 2007, ghall-habta tat-8:30 ta’ filghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja tad-detenut Geoffrey Debattista f’perikolu car, ikkagunalu ferita’ ta’ natura gravi, hekk kif iccertifikat minn Dr Edward Zammit M.D (Warrant Mediku numru 2889), it-tabib tac-Centru tas-Sahha ta’

Rahal Gdid, liema feriti iggib mankament jew sfregju fil-wicc;
2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gie pprovokat, ingurja lid-detenut Geoffrey Debattista b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
3. fl-istess data, hin u lok hebb kontra l-persuna ta' Geoffrey Debattista sabiex jingurjah jew jaghmel hsara lill-istess;
4. fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
5. Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mghottija mill-Qrati differenti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghu jithassru qatt;

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazjonijiet inhargu bhala segwitu ghall-incident li sehh fil-forn tal-habs fid-data u hin citati fl-akkuza. Il-fatti kif svolgew jindikaw li fil-hin meta l-imputat u t-terz midrub, b'ufficjal tal-habs jissorvelja, kienu qed jahdmu l-hobz qam diverbju bejniethom dwar kif kellu jinhema l-hobz. Ghall-mument kollox irriverta ghal kif kien qabel bl-imputat u t-terz ikomplu xogholhom. Jidher li l-imputat  baqa' jewwden gewwa fih u xi minuti wara avvicina lit-terz midrub u tah daqqa ta' ras f'wiccu konsegwenza ta' liema kien hemm htiega ta' tlett punti ta' suttura fuq ghajn it-terz midrub skond kif ic-certifikat mediku esebit in atti u l-konsegwenti xhieda tat-tabib.

Dan jammetih l-imputat stess u l-partijiet qablu t-tnejn li kien incident ta’ darba li ma halla ebda hadra wiehed lejn l-iehor. Jibqa’ pero’ il-fatt li bl-agir inkonsult tieghu l-imputat irrenda ruhu hati tal-offizi lilu addebitati.

Dwar il-ferita l-Qorti kkonstatat ‘de visu’ li bil-kemm tidher, jekk fil-fatt tidher.

Da parti tieghu it-terz midrub irrinunzja ghal kull ma hu rinunzjabbli mill-lat kriminali.

Inghad dan, il-Qorti hi tal-fehma li huwa applikabbli f’dan il-kaz l-Artikolu 216 fis-subinciz (2) tieghu b’daqstant li qeghdha teskludi l-probabbilta’ li l-offiza setghet iggib xi sfregju jew mankament jew anka xi konsegwenza kif imfisser fis-subinciz (1) tac-citat artikolu.

Ghaldqastant, rat l-Artikolu 221, 338(dd), 49 u 50 tal-Kap 9 u tikkundannah komplessivament multa/ammenda ta’ €50 fil-konfront tal-ewwel, r-raba’ u ghall-addebitu tar-recidiva konvertibbli f’daqstant zmien prigunerija fin-nuqqas ta’ hlas zmien sitt xhur skond il-ligi. Stante ir-rinunzja tal-parti leza tieqaf milli tiehu konjizzoni tal-imputazzjonijiet l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------